# Il-Benċmark ta' Tmiem l-Edukazzjoni Primarja 2021

**Il-Malti: Il-Kitba**
**Il-Marki: 30 marka**
**Il-Ħin: 60 minuta**

## A. Il-kitba ta' djalogu (10 marki)

Int mitlub/a tikteb djalogu ta' **bejn 50 u 60 kelma.**

**Agħżel** bejn **Djalogu 1** jew **Djalogu 2.**

### 1. Djalogu bejnek u bejn ħabib/a fuq ħolma li ħlomt

Waqt il-brejk fil-bitħa tal-iskola, int tkellimt ma' ħabib/a tiegħek fuq ħolma li ħlomt.

Ikteb djalogu li kien hemm bejnietkom.

Dawn huma xi ideat:
- Fejn kont?
- X'ġara?
- X'għamilt?
- Kif spiċċat il-ħolma?

**JEW**

### 2. Djalogu bejnek u d-dell tiegħek

Int u sejjer/sejra lura d-dar mill-iskola, f'daqqa waħda qabeż quddiemek id-dell tiegħek u beda jkellmek.

Ikteb djalogu li kien hemm bejnietkom.

Dawn huma xi ideat:
- Kif kienet id-dehra tiegħu?
- X'burdata kellu?
- X'għamel matul il-ġurnata?
- Kemm kien se jdum miegħek?

**Fil-linji t'hawn taħt ikteb id-djalogu.**

## Djalogu _____ (Ikteb 1 *jew* 2)

## B. Il-kitba ta' ittra informali (20 marka)

Agħżel **waħda** minn dawn l-ittri u ikteb **bejn 140 u 200 kelma**.

Inti jismek Alex/Alexia u flimkien ma' sħabek qed tagħmlu riċerka għax se tippreżentaw programm fuq it-televiżjoni flimkien.

Ikteb ittra biex tistieden persuna li taf sabiex titkellem fil-programm tagħkom.

Agħżel bejn:

**1. Sewwieq tal-ambulanza tal-annimali**



**JEW**

**2. Pumpier mal-Protezzjoni Ċivili**



Dawn il-punti jistgħu jgħinuk:

- Informazzjoni fuqek u fuq sħabek
- Raġuni għal din l-istedina
- Informazzjoni fuq il-programm
- Xi tagħrif li tixtiequ ssiru tafu fuq ix-xogħol tiegħu/tagħha

**Iffirma l-ittra bħala Alex/Alexia.**

**L-indirizz tiegħek huwa: 67, Triq il-Merill, Ħal Farfett, FRF 7624.**

## Il-pjan tal-kitba (2 marki)

Agħmel **il-pjan** tal-kitba fuq l-ittra li għażilt.

**Ittra ______ (Ikteb 1 *jew* 2)**

## L-ittra li għażilt

(18-il marka)

Uża l-pjan tiegħek biex tikteb l-ittra li għażilt.

Il-kitba għandha tkun **bejn 140 u 200 kelma**.

**Ittra ______ (Ikteb 1 *jew* 2)**

**Tmiem il-karta**